# Il-Kanonku Belti, Dun Salv Lawrenz Bonnici

**FABIAN MANGION**
B.A., S.Th. Lic.

## Qassis Belti li sar l-ewwel Arċipriet tal-Kolleġġjata tal-Isla

Iben Ġlormu u Gejtana, twieled il-Belt Valletta fl-10 ta' Ottubru 1735. Imsemmi Salvu u Lawrenz, ġie mgħammed l-għada ta' twelidu, fil-knisja parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt Valletta, minn Dun Ġużepp Guiccardi, kappillan tal-parroċċa li, sa minn sena qabel, kienet saret kolleġġjata, imma l-Bolla Papali kienet għadha ma ġietx esegwita. Il-parrini kienu Lawrenz Pasturli, iben Franġisk, u Anna, armla ta' Ġwanni Piscopo, mill-Belt Valletta. [1]

Sa mis-sena 1757, meta kien għadu suddjaknu, Bonnici kiseb il-maġisteru fil-filosofija u d-dottorat fit-teoloġija.[2] F'dik l-okkażjoni, ippubblika t-teżi li ddefenda pubblikament fil-knisja tal-Kulleġġ tal-Ġiżwiti, bit-titlu *Selectae conclusiones Teologico-Scholastico-Polemicae quas pro Doctoratus Laurea consequenda sub auspicio S. Pauli Apostoli D. Salvator Bonnici Melitensis publicae defendendas exponit in Templo Societatis Jesu Melitensis Collegi Anno P. V. 1757.*



Kwardu pittura ta' Dun Salv Bonnici li jinsab għand il-Kav. Dr. Alfred Bonnici MD KM, qarib tiegħu

Fit-23 ta' Settembru 1758, Salvu ġie ordnat djaknu mill-Isqof Bartolomeo Rull, fil-Knisja Katidrali ta' Malta[3] u l-istess Isqof ordnah saċerdot fil-kappella tal-palazz tal-isqof fit-30 ta' Novembru 1759.[4]

Fi żmien qasir ħafna mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu, l-isqof tah il-fakoltà li jqarar lill-irġiel. Hu diġà kien direttur tal-eżerċizzi spiritwali għall-kleru tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt Valletta. Fis-26 ta' Mejju 1760, mar ukoll Għawdex fejn, fil-knisja ta' San Ġakbu tar-Rabat, fisser lill-kleru Għawdxi l-metodu ta' kif kellhom isiru l-eżerċizzi.

Dun Salv Bonnici, minbarra li kien assistent ċerimonjier tal-Kolleġġjata ta' San Pawl, kien predikatur jinqala' ħafna għall-paniġierki.



Eodem die.
Ego Joseph Guicciardus Rector Partis dictae S.ti Pauli Apostoli Civitatis Vallettae baptizavi infantem hodie natum ex Hieronymo Bonnici, et Caietana coniugibus huius Parochiae, cui impositum est nomen Salvator Laurentius. Patrini fuerunt Dnus Laurentius Pasturi filius q.dm Francisci, et Anna vidua q.dm Jo. annis Piscopo Civitatis Vallettae.

Salvator Laurentius.

Ir-reġistrazzjoni tal-magħmudija fl-arkivju tal-parroċċa ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt Valletta

## Jinħatar Kappillan-Koadjutur tal-Isla

Kien il-kappillan tal-Isla, Dun Fortunat Vella stess, li fl-1761, ippropona lil Dun Salv biex ikun kappillan-koadjutur bid-dritt għas-suċċessjoni. Fid-29 ta' Diċembru 1761, l-Isqof Rull eżamina lil Bonnici biex jara jekk kellux il-kwalitajiet meħtieġa għal kappillan. L-Isqof sab li Bonnici kien jistħoqqlu u wara li fit-28 ta' Marzu 1762, il-Papa Klement XIII ta l-kunsens tiegħu, fl-24 ta' Ġunju 1762 ġiet mogħti l-pussess.[5] Minn dik is-sena bdew għal Dun Salv snin ta' ħidma kbira li matulhom kellu jaffaċċja diversi diffikultajiet.[6]

Għalkemm ma kellux it-titlu ta' kappillan, Dun Salv kellu l-piż kollu fuq spallejh. Hu kellu jfassal proġett ta' riforma skont il-bżonnijiet l-iżjed urġenti li kienu jinħassu fil-parroċċa. Fost dawn, kien meħtieġ li l-kleru tal-parroċċa jerġa' jibda jħossu miġbud lejn il-knisja parrokkjali u lejn il-funzjonijiet. Kien meħtieġ ukoll li jogħla l-livell spiritwali tal-poplu tal-Isla. Għalhekk, bħala applikazzjoni prattika ħalli jagħti bidu għar-riforma, ried li ta' kull sena jibdew isiru






*Fuq, xellug: Is-salib tal-injam bix-xbieha ta' Kristu Imsallab interzjata fih li l-Gran Mastru Pinto rregala lill-Fratellanza tal-Kurċifiss tal-Isla Lemin: Il-kwadru titulari l-antik tal-artal tal-Madonna tal-Karmnu li juri wkoll lil San Pawl flimkien ma' San Bastjan u Santu Rokku, qaddisin prottetturi kontra l-marda tal-pesta. Dan il-kwadru, ta' tmiem is-seklu sbatax u l-bidu tas-seklu tmintax, illum jinsab fis-sagristija tal-Bażilika.*

l-eżerċizzi spiritwali. Għal dawn l-eżerċizzi saret fondazzjoni u sa mill-bidu ħass li kienu qed ikunu ta' ġid spiritwali għall-poplu kollu.[7]

Mill-banda l-oħra, ma kinetx ħaġa ħafifa għalih biex iġib l-għaqda fost il-kleru. Il-problemi ta' żmien Dun Fortunat Vella ġiebu magħhom li l-kleru naqas fin-numru. Iżda, l-għaqda kienet mixtieqa aktar minn kull ħaġa oħra. Dawn is-snin kienu wkoll snin ta' taqlib u diffikultà għall-Oratorjani ta' San Filippu Neri. Kien mixtieq li jiġu mħajrin xi wħud mill-aħjar saċerdoti tal-parroċċa biex jingħaqdu mal-komunità ta' dak l-oratorju ħalli jagħtuh ħajja ġdida.[8]

Fl-1765, fiż-żmien meta l-Gran Mastru Emmanuel Pinto kien Rettur tal-Fratellanza tal-Kurċifiss,[9] ġie ċċelebrat f'Malta t-tieni ċentinarju mir-rebħa tal-Assedju l-Kbir. L-Isla, bħalma sar mitt sena qabel, kienet waħda mill-ibliet li ntgħażlu għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet. Minkejja l-preparazzjonijiet kbar li kienu saru, ħafna mill-festi tħassru għaliex is-7 u 8 ta' Settembru kienu jumejn ta' maltemp kbir.[10]

## Direttur tal-Knisja tal-Madonna ta' Manresa

Ftit wara li saru dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, fis-sena 1766, Pinto keċċa 'l-Ġiżwiti minn Malta u ħatar lil Dun Salv direttur tad-dar u tal-knisja tal-Madonna ta' Manresa, fil-Floriana, fejn kienu jiġu organizzati eżerċizzi u rtiri. Hu ngħata l-ħidma ta' ġieħ li jipprietka kull nhar ta' Ħadd fil-knisja tal-Ġiżwiti, il-Belt Valletta. Fl-istess żmien, mexxa wkoll il-Kongregazzjoni tal-Onorati, imwaqqfa mal-oratorju tal-istess knisja. Dun Salv dam f'dawn il-ħidmiet sal-1778 meta kien meħtieġ li hu jiddedika ruħu iżjed għall-parroċċa tal-Isla.[11]

Fis-27 ta' Awwissu 1768, ingħata l-permess biex iħejji qabar għalih fil-knisja parrokkjali tal-Isla, u propju quddiem l-artal iddedikat lill-Madonna tal-Karmnu. Hu għażel dan il-post peress li fil-kwadri titulari ta' dak l-artal kien hemm San Pawl. Hu wiegħed li jipprovdi dak li kien meħtieġ biex tiġi ċċelebrata l-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl fuq dak l-artal.[12]

## Fratellanza tad-Duttrina Nisranija

Id-dedikazzjoni għat-tagħlim tat-tfal kienet waħda ta' prijorità imma, biż-żmien, l-organizzazzjoni min-naħa tal-parroċċa kienet naqset. Dun Salv, ħass din ir-responsabbiltà u, sa mis-sena 1762, beda jorganizza t-tagħlim tad-duttrina għaż-żmien tar-Randan. It-tagħlim kien isir fil-knisja parrokkjali u fl-oratorju tal-Kurċifiss. Fis-sena 1769, it-tagħlim beda jsir kuljum fil-knisja ta' San Ġiljan ukoll.[13]

Fis-sena 1774, l-opra tad-Duttrina Nisranija ġiet mgħollija mill-Isqof Ġwanni Pellerano għall-istat

ta' fratellanza, u tqiegħdet taħt il-ħarsien ta' San Vinċenz de Paul. L-Isqof innifsu ħeġġeġ lill-kappillan-koadjutur Bonniċi biex, fil-knisja ċkejkna ta' San Ġiljan, iwaqqaf altar u jiddedikah lil dan il-qaddis.[14]

## Vigarju Kurat għaż-Żejtun

L-Isqfijiet ta' Malta, Rull, Pellerano u Labini, ilkoll wieħed wara l-ieħor baqgħu jitfgħu għajnejhom fuq dan is-saċerdot twajjeb, ħabrieki, għaref u għaqli.

Barra minn hekk, problemi gravi kienu l-kawża li, fl-1775, Dun Franġisk Marija Xuereb ġie sospiż minn kappillan taż-Żejtun.[15] L-għażla waqgħet fuq Dun Salv li ssejjaħ biex jagħmilha ta' Vigarju Kurat għaż-Żejtun b'digriet maħruġ fit-18 ta' Lulju 1775.[16]

Għalkemm kien nieqes mill-Isla, għal tul ta' 11-il xahar, Dun Salv baqa' l-kappillan-koadjutur tal-parroċċa tal-Isla. Ix-xhur li għamel fiż-Żejtun kienu providenzjali għaliex matulhom ħadem biex ikkalmat is-sitwazzjoni prekarja li żviluppat f'dik il-parroċċa.

## Teologu tal-Ordni ta' San Ġwann

Filwaqt li l-Isqof Pellerano ried li Bonnici jkun eżaminatur tal-kleru u ċensur-teologu tal-kotba li jiġu stampati, il-Gran Mastru de Rohan iddikjara lil Dun Salv bħala wieħed mit-teoloġi uffiċjalment magħrufin mill-Ordni ta' San Ġwann permezz tal-Bolla Maġisterjali tat-18 ta' Novembru 1776. F'dan l-uffiċċju, hu kien intitolat li jgawdi l-privileġġi kollha tal-imsemmi Ordni.

Dan il-ġieħ li kien imżejjen bih il-kappillan-koadjutur kien unur għall-belt tal-Isla. F'Settembru 1777, il-Gran Mastru nnifsu mela bil-ferħ lill-poplu tal-Isla meta għoġbu jmur għall-festa ta' Marija Bambina. Għal dik l-okkażjoni, Dun Salv kiteb poeżija li ddedikaha lill-istess Gran Mastru.[17]

Dan kien fl-aħħar xhur ta' Bonnici bħala kappillan-koadjutur. Fil-fatt, mal-mewt tal-Kappillan Vella, fit-8 ta' Jannar 1778, Dun Salv ppreżenta ruħu fil-kurja djoċesana bid-dikjarazzjoni tal-mewt ta' Dun Fortunat Vella. Barra minn hekk, huwa fakkar x'kienu d-drittijiet tiegħu skont l-ittri appostoliċi tat-28 ta' Marzu 1762.[18] Mingħajr dewmien, Mons. Gejtanu Grech, Vigarju Ġenerali u l-logutenent tal-Isqof Pellerano, mar l-Isla fil-11 ta' Jannar 1778 u ta l-pussess ta' kappillan lil Dun Salv Bonnici.

## Kappillan tal-Isla

Bħala kappillan, fit-22 ta' April 1781, assista lill-Isqof Vinċenz Labini[19] fil-konsagrazzjoni solenni tal-knisja ta' Sidtna Marija tal-Portu Salvu, fl-Isla stess.[20] Matul Ottubru ta' dik is-sena, introduċa fl-Isla id-daqq ta' mota solenni bil-qniepen tal-knisja parrokkjali kull nhar ta' Ħamis filgħaxija biex tfakkar it-twaqqif tal-Ewkaristija fl-Aħħar Ċena. Introduċa wkoll id-daqq ta' mota kiebja kull nhar ta' Ġimgħa fit-tlieta ta' waranofsinhar fit-tifkira tal-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu. Din l-inizjattiva sabet l-appoġġ tal-Isqof Labini li, fis-sena ta' wara, ħareġ ordni biex din l-użanza tiġi segwita fil-knejjes parrokkjali kollha tad-djoċesi.[21]



*L-artal iddedikat lil San Vinċenz de Paul fil-knisja ta' San Ġiljan, l-Isla*

Iżda hekk kif sar kappillan tal-Isla, Dun Salv Bonnici beda jippjana biex lil din il-parroċċa jaraha mogħnija bid-dinjità ta' kolleġġjata.[22] Dan il-kappillan, aktar milli lejn il-ġieħ ta' kolleġġjata, kien qed iħares lejn il-proġett ta' riforma li jara l-qassisin magħqudin iżjed bejniethom. Din ir-riforma setgħet issir realtà jekk il-knisja parrokkjali tal-Isla tkun kolleġġjata.[23]

Għall-ewwel, sab oppożizzjoni minn xi wħud, fosthom l-Isqof Labini nnifsu. Imma Dun Salv, li gawda stima kbira fost il-parruċċani tiegħu, iddeċieda li jipproċedi bil-proġett, u minkejja d-diffikultajiet imsemmija, fis-27 ta' Jannar 1783, ressaq ir-rikors tal-kolleġġjata quddiem il-Papa Piju VI. Fil-5 ta' Awwissu 1784 sar kuntratt quddiem in-nutar Franġisk Mamo, fejn ġew imfissra r-raġunijiet ewlenin li

għalihom kien jixraq li l-belt tal-Isla jkollha kolleġġjata u l-istruttura li fuqha kienet se tinbena.[24]

Wara li ntrebħu d-diffikultajiet kollha, bis-saħħa tal-għajnuna mogħtija lilu mill-Isqof Labini u bil-protezzjoni tal-Gran Mastru De Rohan, fil-21 ta' Mejju 1786, il-Papa Piju VI ffirma l-Bolla *Exigit Apostolici Officii* li biha l-knisja ta' Marija Bambina fl-Isla ġiet mgħollija għall-ġieħ ta' Kolleġġjata Insinji. L-erezzjoni tal-Kolleġġjata kienet sejra tgħin biex il-kleru jkun jista' jiltaqa' kuljum u f'għamla komunitarja ħalli jagħti ġieħ lil Alla. B'hekk, il-ħajja spiritwali setgħet tinħass aktar. Fis-7 ta' Settembru 1786, l-Isqof Labini, ta l-pussess lill-ħames dinjitarji[25] u sitt kanonċi li ffurmaw l-ewwel kapitlu.[26]

Bejn kanonċi u qassisin, fl-Isla ta' dak iż-żmien, kien hemm mal-ħamsin wieħed. Huma kienu jidhru ta' sikwit miġburin flimkien għas-servizzi liturġiċi. Fir-reġistri tal-parroċċa, fl-10 ta' Settembru 1786, Dun Salv niżżel għall-ewwel darba li hu kien l-Arċipriet tal-kolleġġjata.[27]

Sakemm baqa' jgawdi saħħtu, l-Arċipriet Bonnici ta kemm felaħ għall-parroċċa tiegħu u kien jaqsam il-ħidma parrokkjali mal-viċijiet tiegħu li tbiddlu ta' sikwit.

## Lejn tmiem ħajtu

Fl-1794 kien akkużat bi frodi quddiem l-Inkwiżitur Giulio Carpegna u, fl-aħħar stadju, kien ukoll miżmum arrestat fil-ħabs tal-Inkwiżitur għal perjodu qasir.[28]

Għalkemm kien għad kellu 61 sena, fil-bidu tas-sena 1797, l-Arċipriet Bonnici ma kien tajjeb xejn f'saħħtu. Għalhekk ħass il-bżonn li, b'mod uffiċjali, jinħatar viġarju minfloku. Fi Frar tal-istess sena, l-Isqof Labini ħatar lil Dun Ġużepp Grech bħala vigarju kurat tal-parroċċa.[29]



*Il-Kanonku Arċipriet Dun Salv Bonnici fi kwadru pittura fl-Awla Kapitulari tal-Isla*



*Il-Bolla tal-Kolleġġjata tal-Isla. Ritratti ħajr lill-awtur.*

Fl-10 ta' Ġunju 1798, Napuljun u l-Franċiżi bdew jokkupaw 'il Malta. Żmien il-Vitorja tal-1798 kien żmien ta' niket kbir għaliex kien beda s-serq mill-knejjes. F'dan iż-żmien ta' taqlib u biża', l-Arċipriet Bonnici kien wasal fl-aħħar ta' ħajtu.

Bonnici miet fl-Isla fis-27 ta' Diċembru 1798 – 225 sena ilu.[30] Il-katavru tiegħu ttieħed b'akkumpanjament solenni lejn il-Kolleġġjata fejn sarlu funeral u ġie midfun fil-qabar li kien għażel għalih fil-kappella tal-Madonna tal-Karmnu.[31]

Il-Kanonku Dun Salv Bonnici, li miet fi żmien tant ikrah għal Malta, kien il-ħdax-il mexxej tal-parroċċa tal-Isla, imma kien l-ewwel Arċipriet tal-Kolleġġjata. L-isem tiegħu fl-istorja tal-Isla ma jista' jintesa' qatt.

## Referenzi u Noti

1. Arkivju Parroċċa San Pawl Nawfragu, Belt Valletta, *Liber Baptizatorum*, Vol. VIII, p. 218
2. Arkivju Arċiveskovili Malta (AAM), *Miscellania Chiese Parrocchiali*, p. 174. Patri Anton Valaguarnera, rettur tal-*Collegium Melitensis*, fakkru bħala wieħed minn dawk li għamlu ġieħ lil dak il-kulleġġ.
3. AAM, Reġistru tal-Ordinazzjonijiet Klerikali, 1758-1769, p. 14
4. Ibid., p. 34
5. Bonnici, A., *L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilika – Santwarju ta' Marija Bambina*, Vol. II, Malta: 1986, p. 276. Qabel ma' Mons. Ġwanni Marija Azzopardi Castelletti, Vigarju Ġenerali, awtorizza lil Dun Salv biex jieħu t-titlu ta' kappillan-koadjutur bid-dritt tas-suċċessjoni, Bonnici beda jaħdem fil-parroċċa tal-Isla u jamministra s-sagramenti. Ismu deher għall-ewwel darba f'magħmudija tat-28 ta' Mejju 1762. (Arkivju Parroċċa Senglea (APS), *Liber Baptizatorum*, Vol. V, p. 169.)
6. Dun Fortunat Vella mexxa l-parroċċa tal-Isla għal tul ta' 45 sena, bejn l-1717 u l-1762. Minn din is-sena għat-tul ta' 16-il sena li kien għad fadallu ħaj, suppost li ma kellu l-ebda responsabbiltà jew awtorità. Imma hu xorta waħda baqa' jsejjaħ lilu nnifsu bit-titlu ta' kappillan.
7. APS, *Memorie Ecclesiastiche*, p. 110
8. F'editt li ġie ppubblikat fis-6 ta' Jannar 1773, l-Isqof Pallerano ħeġġeġ għal ħajja iżjed regolari fost l-Oratorjani nfushom. (Bonnici, *Op. cit.*, p. 289)
9. Il-Gran Mastru Pinto ssieħeb fil-Fratellanza tas-Santissimu Kurċifiss tal-Isla u fl-14 ta' Jannar 1763 intgħażel bħala Rettur tagħha. Għal disa' darbiet fuq xulxin, bejn l-1763 u l-1771, hu baqa' jiġi magħżul għal dan ir-rwol. (Bonnici, *Op. cit.*, p. 292)
10. Ibid., *p. 294*
11. APS, *Memorie Ecclesiastiche*, p. 112
12. AAM, *Suppliche* 1762-1776 I, p. 556-557
13. Bonnici, *Op. cit.*, p. 301
14. AAM, *Suppliche* 1762-1776 I, p. 301-303
15. Abela, J., *Il-Parroċċa taż-Żejtun tul iż-Żminijiet*, Malta: 2006, p. 220-221. Maħtur kappillan taż-Żejtun fl-1769, minħabba r-ras iebsa tiegħu, l-imseħbin fil-Fratellanza tas-Sagrament, fosthom xi saċerdoti, daħlu f'impika miegħu. Inqala ħafna nkwiet dwar id-daqq tal-qniepen, il-kant tal-Vespri, it-toroq tal-Vjatku u ħafna suġġetti oħra.
16. Borg, V., *Melita Sacra*, Vol. IV, Malta: 2022, p. 167
17. F'dik il-poeżija, ifakkar is-sehem li għandha l-Isla fi ġrajjiet l-Ordni ta' San Ġwann, fosthom li l-Gran Mastru De La Sengle waqqafha bħala belt u taha l-isem tiegħu u li bħall-belt bibblika ta' Betulja, l-Ordni sejħilha: "Dik li ma ntrebħitx". (Bonnici, *Op. cit.*, p. 310)
18. AAM, *Miscellania Chiese Parrocchiali*, p. 183
19. Labini sar Isqof tad-djoċesi ta' Malta fl-1780. Kien l-aħħar isqof djoċesan li ma kienx imwieled f'dawn il-gżejjer. Is-serje ta' isqfijiet imweldin fil-gżejjer Maltin kellha tibda propju b'wieħed imwieled fl-Isla, Mons. Ferdinandu Mattei.
20. Bonnici, *Op. cit.*, p. 321
21. Ibid., *p. 332-334*
22. L-għan tiegħu kien li japprofitta mill-ħafna legati amministrati mis-Sodalità tal-Kleru tal-Isla peress li dawn setgħu jiġu implimentati aktar faċilment bit-twaqqif ta' kapitlu kolleġġjali. Xi ħaġa simili kienet seħħet fil-Matriċi ta' Għawdex fis-snin għoxrin tas-seklu sbatax. Dun Ġwann Battista Scicluna, Senglean u kanonku ta' San Pawl tal-Belt Valletta sa mill-5 ta' April 1740, kien l-esekutur ta' ħafna minn dawn il-legati. Hu kien fost dawk li opponew għall-attwalizzazzjoni tal-proġett tal-kolleġġjata. Aktar tard f'ħajtu nidem għal din l-imġiba. Inċidentalment, miet fid-19 ta' Diċembru 1785, ħames xhur qabel it-twaqqif tal-kolleġġjata. (Borg, *Op. cit.*, p. 778)
23. Wieħed ma jridx jinsa li Dun Salv, għadda s-snin bikrija tas-saċerdozju tiegħu fil-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, fil-Belt Valletta, fejn, inċidentalment, numru mhux żgħir ta' membri f'din il-Kolleġġjata kienu Sengleani
24. Bonnici, *Op. cit.*, p. 329
25. Dawn huma l-Primiċerju, l-Arċipriet, id-Dekan, il-Kantur u l-Prepostu. Fil-Bolla tal-Kolleġġjata kien ġie stabbilit li għalkemm l-arċipriet mhux l-ewwel dinjità, xorta waħda jkun hu li jippresiedi fil-kapitlu.
26. Dakinhar, l-Isqof libbishom ir-rukkett, il-muzzetta u d-dekorazzjoni pettorali. Huma ħadu wkoll il-ġurament li josservaw l-istatuti ta' dik il-kolleġġjata.
27. APS, *Liber Baptizatorum*, Vol. VI, p. 240
28. AAM, *Processi* CXXXVI, no. 10
29. Bonnici, A., *L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilika – Santwarju ta' Marija Bambina*, Vol. III, Malta: 1991, p. 26
30. AAM, *Canonicati Senglea*, 1786-1826, p. 134
31. APS, *Liber Defunctorum*, Vol. IV, p. 63